V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10781 – KB AG / KB SFN / KBJ)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 307/06)

1. Fl-4 ta' Awwissu 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Knorr-Bremse AG ("KB AG", il-Ġermanja),

— Knorr-Bremse Systeme für Nutzfahrzeuge GmbH ("KB SfN", il-Ġermanja), li bħalissa hija kkontrollata bi sħab minn KB AG u Robert Bosch GmbH ("Bosch", il-Ġermanja),

— Knorr-Bremse Commercial Vehicle Systems Japan Ltd ("KBJ", il-Ġappun), li bħalissa hija kkontrollata bi sħab minn KB AG u Bosch.

KB AG se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll eklużiv ta' KB SfN u KBJ.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— KB AG hija fornitur globali ta' sistemi tal-ibbrejkjar u sistemi oħra għall-vetturi ferrovjarji u kummerċjali,

— KB SfN tipprovdi soluzzjonijiet ta' bbrejkjar pnewmatiċi għal vetturi kummerċjali medji u tqal, kif ukoll prodotti oħra inklużi soluzzjonijiet ta' ġestjoni tat-trażmissjoni (unitajiet ta' attwazzjoni tal-klaċċ u unitajiet ta' kontroll tal-gerijiet), dampers, u sistemi tal-istering,

— KBJ tinkludi l-akbar parti tan-negozju tas-Sistemi Kummerċjali tal-Vetturi ta' KB AG fil-Ġappun u tforni firxa ta' prodotti u sistemi għat-trakkijiet, il-karozzi tal-linja, it-trailers u l-makkinarju agrikolu, b'mod partikolari s-sistemi tal-ibbrejkjar pnewmatiċi u s-sistemi tal-istering, is-sistemi ta' assistenza għas-sewwieqa, is-sewqan awtomatizzat u l-kontroll elettroniku tal-invellar.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10781 – KB AG / KB SFN / KBJ

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË